TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT 118/17/S

Carmelo Romano
vs
GSI Contractors Limited

Illum, 31 ta' Jannar, 2019.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 u r-Risposta relattiva ippreżentata fil-21 ta' Lulju 2017;
Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, sema' x-xhieda kollha, sema' lill-partijiet u ra li li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2018, il-każ tħalla għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-riżarċiment ta' elf u erba' mija u tmintax-il Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,418.36), liema ammont kien ikopri ħlas sħiħ lis-soċjetà intimata għal xogħol ta' *wiring* tal-elettriku u *plumbing* li kellu jsir fil-fond fl-indirizz Iris Court, No. 8, Cannon Road, Santa Venera, liema xogħol iżda ma tlestiex.

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata qablet li l-ammont imsemmi kien tħallas lilha mir-rikorrenti iżda eċċepiet li x-xogħol ma setax jitkompla għax is-soċjetà intimata ġiet ordnata sabiex ma tkomplix ix-xogħol, u dan mingħajr raġuni valida.

Illi r-rikorrent xehed li s-soċjetà intimata bdiet ix-xogħol (li għalih tħallset bil-quddiem) iżda għal xi raġuni, ir-rikorrent xehed li waqfet u ma komplietx. Ir-rikorrent kompla jixhed li l-venditur, ċioe AC Enterprises Ltd, kompliet ix-xogħol tal-elettriku hija stess u iktar tard tqabbdet anki ditta oħra.

Illi r-rikorrent kompla jixhed li meta waqaf ix-xogħol, huwa beda' jikkuntattja lis-soċjetà intimata sikwit sabiex jitlobha tkompli x-xogħol. Darba minnhom, is-soċjetà intimata qaltlu li l-iżviluppatur ma kienx ħallsu u għalhekk ma setax jitkompla x-xogħol. Ir-rikorrent ippreżenta rapport *ex parte* tal-AIĊ Joseph Attard, liema rapport huwa maħluf, fejn l-istess Attard jgħid li l-valur tax-xogħol imwettaq mis-soċjetà intimata qabel twaqqaf ix-xogħol kien jammonta għal sitt mija u ħamsa u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€685.90).

Illi għas-soċjetà intimata, xehed Gary Camilleri, li taħt ġurament, spjega li kien il-venditur/l-iżviluppatur tal-*block* tal-appartamenti li tah ordni sabiex ma jkomplix ix-xogħol tal-elettriku. Dan jidher ċar mix-xhieda ta' Camilleri fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018 meta xehed hekk: "*Jien ma stajtx inkompli iktar ix-xogħol minħabba li l-kuntrattur ma ridnix nersaq iktar fuq il-blokka.*"

Illi Gary Camilleri xehed bl-iktar mod ċar li r-rikorrent kien ħallsu bil-quddiem u addirittura ammetta li seta' kellu jirrifondi xi ammont lir-rikorrent (ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018). Huwa kompla jixhed li madankollu, huwa kien qiegħed ikollu jirrifondi dawn l-ammonti intortament għax fl-aħħar mill-aħħar, hu kien qiegħed jobdi lill-iżviluppatur meta ma kompliex ix-xogħol.

Illi mix-xhieda u l-provi prodotti, fosthom kopja taċ-*cheque* immarkat dokument "D" u anness mal-Avviż tat-Talba, it-Tribunal huwa konvint li r-rikorrent ħallas l-ammont mitlub lill-intimat anki minħabba l-ammissjoni ta' Gary Camilleri li r-rikorrent kien ħallsu. Jidher li r-relazzjoni bejn is-soċjetà intimata u l-iżviluppatur kienet xi ftit instabbli jew inċerta fis-sens li Camilleri kien jibża' li jekk jirċievi ordni biex ma jkomplix jaħdem fl-appartamenti, dan seta' jbati finanzjarjament.

Illi t-Tribunal jirrileva li r-rapport tal-Perit Joseph Attard ma ġie kontestat minn ħadd. Fil-fehma tat-Tribunal, jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li xi ammont ta' xogħol kien sar żgur. Fil-fatt, l-ilment tar-rikorrenti ma kienx li ma sar ebda xogħol, iżda li x-xogħol waqaf fin-nofs.

Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, is-soċjetà intimata ċertament jistħoqqilha ħlas għax-xogħol li jkun sar. Għalhekk, l-ammont li s-soċjetà intimata għandha tirritorna lir-rikorrent huwa dak ta' seba' mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€732.46).

Deċide

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' lill-partijiet jixhdu, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti parzjalment u jordna li s-soċjetà intimata sabiex tirrifondi l-ammont ta' seba' mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€732.46) lir-rikorrent. It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha relattivament għal dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
ARBITRU